# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 1962

**Kaz Numru 2565DeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Paul Micallef**

**u**

**Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta**

**Chairman: Is-Sur Antoine DeGiovanni**

**Illum il-Hamis 24 ta' Settembru 2009**

**1. Riferenza**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar il-11.02.08.

**2. Rapprezentanza**

2.1 *Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited,* li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata minn Mario Ellul meghjun mill-Avukata Veronica Galea Debono.

2.2 Paul Micallef, li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien meghjun mill-Avukat Claudio Zammit.

**3. Fatti fil-qosor tal-kaz**

Paul Micallef beda fl-impjieg mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Machine Operator* nhar it-03.03.93. Il-kumpanija intimata timmanifattura "O" rings tal-lastiku bi *specifications* precizi u tolleranzi ristretti ghall-esportazzjoni lill-kumpaniji kbar li fost affarijiet ohra jimmanifatturaw karozzi. Ghaldaqstant kull intervent manwali mhux awtorizzat li jista' jibdel l-

*ispecifications* tal-prodott jista' jkollu konsegwenzi ekonomici serji fuq l-operat tal-kumpanija intimata. Nhar il-15.09.06 ir-rikorrent kien imfakkar bil-miktub dwar traskuragni f'xoghlu, dwar xoghol hazin fl-imghoddi u wkoll kien imwiddeb bil-miktub dwar xoghol ta' kwalita' hazina fil-jum ta' qabel. Wara din it-twiddiba nhar it-18.09.06 il-kumpanija intimata gharrfet lir-rikorrent li fid-dawl tas-serjeta tal-kaz kienet ser taghmel investigazzjoni aktar profonda, u nhar l-10.10.06 issospendietu mix-xoghol ghal tliet ijiem. Nhar il-15.11.07 ir-rikorrent rega' kien imwiddeb rigwardanti xoghol hazin, u nhar it-22.11.07 kien sospis mix-xoghol sakemm il-kaz tieghu jinstema' minn Direttur, skond kif provvdut fil-ftehim kollettiv. Nhar is-26.11.07, ir-rikorrent intemmlu l-impjieg.

## 4. Lista tax-xhieda

4.1 Antoine Bonello, Mario Ellul, Louis Farrugia, Jane Foca u Martin Grech xehdu ghall-kumpanija intimata.

4.2 Paul Micallef xehed ghalih innifsu.

## 5. Lista ta' dokumenti

5.1 Il-kumpanija intimata esebiet:

- id-dikjarazzjoni tal-kaz, konsistenti f'erba' pagni u tliet dokumenti, immarkati, Dok.A, Dok.B u Dok.C.
- kopja tal-ftehim kollettiv ghaz-zmien bejn l-01.01.05 u l-31.12.08.
- kopja tal-formola tal-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u Tahrig datata 03.03.93 ghal impjieg gdid, immarkata, ME2.
- kopja ta' formola ta' trasferiment datata 19.09.96, immarkata ME3.
- kopja ta' twiddiba miktuba datata 01.09.03, immarkata ME1.
- dikjarazzjoni datata 16.06.08 li turi s-salarju tar-rikorrent matul is-sena 2007, immarkata TSS1.
- kopja ta' ittra datata 10.10.06, mibghuta lir-rikorrent dwar avviz ta' sospensjoni ta' tliet ijiem, immarkata VGD/JF/1.

5.2 ir-rikorrent esebixxa

- rikors datat 11.02.08, konsistenti fi tliet pagni u tliet dokumenti, immakat, Dok.A, Dok.B u Dok.C.
- id-dikjarazzjoni tal-kaz, konsistenti f'zewg pagni, datata 24.03.08.
- kopja tal-formola tat-Taxxa FS3 datata 03.02.08, immarkata PM1.

- affidavit tieghu stess datat 11.09.08, immarkat Dok.PM2.

## 6. Gabra fil-qosor tax-xhieda

6.1 **Antoine Bonello,** impjegat fil-kariga ta' *Business Manager* mal-kumpanija intimata, stqarr li xoghlu hu li jassigura li l-kwalita' u d-data tal-kunsinna tal-prodotti lill-klijenti jkunu konformi ma' l-ordnijiet tal-klijenti, inkluzi l-*ispecifications* stretti rigwardanti l-kwalita' tal-materjal u l-qisien, u li jamministra l-impjegati fit-Taqsimiet tieghu biex jintlahqu dawn l-ghanijiet. Ix-xhud kompla li l-kumpanija intimata timmanifattura "O" rings tal-lastiku u li 90% tal-produzzjoni ssir ghal klijenti li jimmanifatturaw karozzi biex jintuzaw f'applikazzjonijiet kritici. Il-manifattura tal-prodott titmexxa 'l quddiem skond protocol sostnut minn certifikat mahrug minn agenzija internazzjonali, li jirrikjedi awdizzjoni kontinwa tal-kwalita' minn persuni barranin kwalifikati ghal dan il-ghan. Zied jghid li dan kollu jsir ghaliex fin-nuqqas ta' l-ezattezza rikjesta fil-prodott, il-konsegwenzi ghall-kumpanija intimata jistghu jkunu kbar hafna. Ix-xhud zied jghid li r-rikorrent kien impjegat fil-kariga ta' Press Operator, u xoghlu kien li wara li jircievi t-tahlita tal-materjal, jghabbi l-magna bil-mizura meqjusa tal-materja prima, u wara li jintemm il-process tal-magna, ifarfar il-prodott manifatturat f'recipjent apposta. Il-gerarkija tal-karigi ssegwi mir-rikorrent lejn it-*Team Leader* lejn il-*Front Line Manager* u lejn il-*Business Manager*. Ix-xhud spjega li f'Novembru 2007 kienet waslet ghandu twiddiba miktuba li nharget lir-rikorrent ghaliex kien suspettat li zied xi kimika projbita kull darba li ghabba l-magna matul ix-xift ta' l-14.11.07. Dan ghamlu ghaliex il-prodott li kellu l-*part number* li kien qieghed jimmanifattura kien qieghed ikun difficli biex jinqala' mill-forma tal-pressa. Iz-zieda ta' din il-kimika kienet taghmilha aktar facli li l-prodott jinqala' u konsegwentament aktar hafifa ghar-rikorrent, izda b'detriment ghall-kwalita' tal-prodott. Minhabba dan kollu waslet it-twiddiba li kien hareg il-*Front Line Manager*. Izda wara verifika fil-file personali tar-rikorrent, irrizulta li r-rikorrent kien diga' nghata twiddiba miktuba u sospensjoni ta' tlett ijiem zmien qabel minhabba incident simili. F'dawn ic-cirkustanzi l-kaz kien riferut lil *Human Resources Manager* biex jitmexxa 'l quddiem konformi mal-procedura miftiehma fil-ftehim kollettiv.

6.2 **Mario Ellul**, impjegat fil-kariga ta' *Human Resources Manager* mal-kumpanija intimata, stqarr li wara li waslitlu t-twiddiba miktuba datata 15.11.07 li Martin Grech hareg kontra r-rikorrent, fittex fil-*file* personali tar-rikorrent u sab li fl-1996 ir-rikorrent kien tnizzel grad fil-gerarkija tal-karigi minhabba nuqqas fil-qadi' ta' dmirijietu, u nhar il-01.09.03 u l-15.09.06, ir-rikorrent kien inghata twiddibiet miktuba u ghat-tieni okkazjoni kien sospis ghal tlett ijiem ukoll. Din l-ahhar twiddiba kienet tinkludi wkoll avviz li f'kaz ta' ripetizzjoni hu jista' jitkecca. Ix-xhud spjega li twiddib miktub jista' jinghata minn impjegati fil-karigi ta' *Senior Leading Hand*, jew *l-Operations*

*Manager* jew il-Kap tad-Dipartiment, u wara t-twiddib jasal ghandu. Ix-xhud zied jghid li d-differenza fil-kontenut tat-twiddib miktub hi attribwibbli lill-fatt li l-awturi huma differenti. Ghalkemm it-twiddib miktub jinghata wara investigazzjoni u diskussjoni ma' l-impjegat koncernat, mhux dejjem jinzammu minuti. Izda minuti jinzammu dejjem f'kull stadju tal-process formali tad-dixxiplina li jsiru minn Direttur. Fid-dawl ta' din l-istorja, hu ddecieda li jgharraf lir-rikorrent bil-gravita' ta' l-allegata offiza, issospendieh mix-xoghol u mexxa l-kaz 'l quddiem biex jinstema' mid-Direttur Louis Farrugia. Il-kaz instema' u r-rikorrent tkecca mill-impjieg. F'seduta ohra x-xhud ikkonferma li s-subartikli rigwardanti l-process tad-dixxiplina u li jidhru taht artiklu 30 kienu spustjati waqt l-istampar, u ghandhom jitqiesu li jiffurmaw parti mill-artiklu 29.

6.3 **Louis Farrugia**, impjegat fil-kariga ta' Direttur Kummercjali mal-kumpanija intimata, stqarr li x-xoghol ewlieni tieghu hu li jiltaqa' ma' klijenti u klijenti prospettivi u jikkuntratta maghhom il-bejgh tal-prodotti tal-kumpanija. Zied jghid li l-enfasi tal-bejgh tal-prodotti tal-kumpanija intimata hi abbazi ta' kwalita' u mhux tal-prezz. Fid-dawl ta' dan, il-kwalita' tal-prodott manifatturat hi dejjem krucjali ghall-prosperita' tal-kumpanija. Ix-xhud qal ukoll li l-process tal-manifattura tal-kumpanija intimata jkun ezaminat *in situ* minn awdituri barranin, u jekk tikkwalifika kull sitt xhur jinhargilha certifikat. Jekk ma tkunx tikkwalifika ma jkunx possibbli li tesporta l-prodotti taghha. Ghaldaqstant l-offizi tar-rikorrent, inkluza l-ahhar wahda, tqiesu li jipperikolaw it-tkomplija tac-certifikazzjoni. Zied jghid li bhal hafna drabi fl-imghoddi rigwardanti offizi varji il-kaz ingieb quddiemu bhala lment minn naha ta' *Human Resources Manager*, biex jinstema' minn Direttur kif hu prrovdut fil-ftehim kollettiv. Waqt is-smigh, il-kaz ghall-kumpanija intimata tmexxa minn Mario Ellul, u ghar-rikorrent dehru zewg rapprezentanti trejdjunjonistici. Ix-xhud ikkonferma li waqt is-smigh, kemm ir-rikorrent kif ukoll ir-rapprezentanti li ghenuh, ammettew il-fatti rigwardanti l-akkuza u talbu li tinghata klemenza biex ma jkunx hemm temma ta' l-impjieg. Ix-xhud kompla jispjega li, mill-provi li ngiebu quddiemu, irrizultalu li r-rikorrent kien instab hati ta' offizi rigwardanti xoghol hazin ta' natura serja li sehhu nhar l-14.09.06 u fl-14.11.07, u fil-gudizzju tieghu l-ahhar twiddiba miktuba ma kinitx tirrifletti s-serjeta' ta' l-offiza u l-kaz kien jimmerita temma ta' l-impjieg. Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu billi kkonferma li hu qatt qabel ma kien sema' kazi ta' offizi identici.

6.4 **Jane Foca**, impjegata fil-kariga ta' *Team Manager* mal-kumpanija intimata, stqarret li hi taf lir-rikorrent bhala *Press Operator* meta hi kienet *Operations Manager* ta' l-*Aircon Business Unit* u ta' l-*Industrial Business Unit*. Ix-xhud iddeskieviet ix-xoghol li jaghmel *Press Operator*. Ziedet tghid li nhar il-15.09.06 kellimha Martin Grech u ghaddielha twiddiba miktuba li nghatat lir-rikorrent rigwardanti xoghol ta' kwalita' hazina li kellu jigi skartat b'dannu ta' €630 prezz tas-suq. Dan ix-xoghol kien parti minn ordni tal-kumpanija Bosch, klijent importanti hafna. Hi qrat it-twiddiba izda ma

ffirmathiex ghaliex riedet tinvestiga l-kaz. Mill-investigazzjoni li ghamlet irrizultalha li f'kull *lift* tal-magna, ir-rikorrent kien qieghed jghabbi lill-magna b'aktar materja prima minn dak li suppost, bir-rizultat li beda jsibha difficli biex ifarfar il-prodott manifatturat mill-forma tal-magna. Kull ma kien mehtieg li jsir kien li l-magna titghabba bil-mizura preskritta f'kull *lift,* u wkoll jintalab l-intervent tat-*Team Leader* biex jibdel is-*setting* tal-magna, u jkun hemm rizoluzzjoni tal-problema minghajr hsara ghall-prodott. Minflok ghamel hekk, ir-rikorrent iddecieda li jaghmel uzu minn *spray* ta' kimika estranja ghall-process skedat biex isibha aktar facli jfarfar il-prodott. Kien jidher car mill-ammont ta' materjal li kien skartat li x-xoghol hazin kien ilu sejjer ghal madwar 365 *lift* minn 450 *lift* li jsiru matul xift shih. Minbarra dan, ir-rikorrent ghamel dikjarazzjoni falza rigwardanti l-ammont ta' xoghol li ghamel matul ix-xift, izda din id-differenza ndunaw biha wara li l-*counter* tal-magna kien thassar. Ix-xhud ikkonfermat li l-*part number* tal-prodott kien assenjat lir-rikorrent biss u ghaldaqstant ma kien hemm ebda impjegat iehor involut. Wara li tkellmet mar-rikorrent fejn talbitu spjega ghax-xoghol hazin, iddecidiet li tgharrfu li kienet ser tmexxi r-rapport 'l quddiem u harget l-ittra tat-18.09.06. Wara tkellmet ma' Mario Ellul u harget l-ittra ta' l-10.10.06.

6.5 **Martin Grech**, impjegat fil-kariga ta' *Front Line Manager* mat-taqsima tal-*Industrial Business Unit* tal-kumpanija intimata, stqarr li xoghlu hu li jservi ta' centru ta' komunikazzjoni u riferenza ghall-impjegati kollha fit-taqsima biex ikunu rizolti l-kwistjonijiet kollha li jinqalghu bil-hsieb li x-xoghol jitmexxa 'l quddiem kif pjanat. Ix-xhud kompla jghid li r-rikorrent kien wiehed mill-impjegati fit-taqsima tieghu. Fiz-zmien ta' l-incident in kwistjoni, ir-rikorrent kien qieghed jimmanifattura prodott bi *specifications* gholjin hafna. Gara li l-manifattura tal-prodott partikulari kienet tirrendih ftit aktar difficli minn ohrajn biex jinqala' mill-forma tal-magna bl-arja kompressata. Hin minnhom avvicinah Frank Refalo, Supervisor, u gharrfu li l-"O" ring manifatturat mir-rikorrent u li kellu *part number* partikulari kien jidher ileqq hafna  u kellu wkoll riha ta' kimika. L-ghada x-xhud kellem lir-rikorrent dwar ir-rapport li kien ircieva dwar il-prodott fdat lilu. Ir-rikorrent ma ammetta xejn, izda qal li ma kellux jehel hu biss. Ix-xhud ikkonferma li mill-investigazzjoni li ghamel irrizultalu li l-"O" ring kien manifatturat mir-rikorrent, u li kellu kimika mizjuda mieghu  li kienet projbita. Minhabba fis-serjeta' ta' l-offiza hu hareg twiddiba miktuba lir-rikorrent u li kienet ukoll iffirmata mir-rikorrent. Wara dan, ix-xhud gharraf b'kollox lil Antoine Bonello.

## 7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukata Veronica Galea Debono f'isem il-kumpanija intimata

7.1.1 stqarret li:

- ir-rikorrent ripetutament ghamel uzu minn kimika estranja ghall-lista ta' ingridjenti tal-materja prima ghall-manifattura tal-prodott assenjat lilu biex jiffacilita' l-qlugh ta' l-"O" rings lesti mill-forma tal-magna. Dan sar bil-konsegwenza li l-produzzjoni manifatturata minnu fil-jum ta' l-incident kellha tkun skartata kollha. Li kieku ma sarx hekk, u l-prodott kien kunsinnat lill-klijent, kienu jirrizultaw konsegwenzi serji.
- l-ghemil in kwistjoni kien ammess mir-rikorrent.
- il-process dixxiplinarju tmexxa 'l quddiem skond il-ftehim kollettiv.
- ir-rikorrent kien dixxiplinat zmien qabel fuq offiza identika li ghaliha kien inghata twiddiba miktuba u sospensjoni ta' tliet ijiem.
- ghalkemm rigwardanti l-ahhar offiza inharget twiddiba miktuba, l-awtur taghha ma kellux access ghall-file tar-rikorrent. Kien wara li d-dokument in kwistjoni wasal ghand il-*Human Resources Manager* u dan ra l-istorja ta' l-imghoddi li ttiehdet id-decizjoni biex il-kaz jinstema' minn Direttur skond kif provvdut fil-ftehim kollettiv.
- ghalkemm fl-avvidavit u fix-xhieda tieghu ir-rikorrent ghamel allegazzjonijiet ta' trattament diskriminatorju fil-konfront tieghu, b'dan kollu dawn l-allegazzjonijiet ma kinux sostnuti bi provi.
- is-sub artikli 30 g) u 30 m) jaghmlu riferenza ghal offizi zghar, mentri l-offizi li sehhu f'Ottubru 2006 u Novembru 2007 kienu t-tnejn ta' natura serja u ghaldaqstant il-preskrizzjoni ma kinitx ta' sena, izda ta' sentejn.
- il-*Front Line Manager* li hareg it-twiddiba miktuba f'Novembru 2007 ma kellux access ghall-file tar-rikorrent, u ma setax ikun jaf bl-offiza precedenti. Kien ghalhekk li l-kaz ha zvolta ohra meta t-twiddiba miktuba waslet ghand il-*Human Resources Manager*.
- it-triq li bdiet il-kumpanija bil-hrug ta' twiddiba miktuba u dik li hadet wara s-smigh tal-kaz minn Direttur mhumiex zewg toroq diversi, izda huma triq komuni ta' dixxiplina.

7.1.2 fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali ghandu jsib li t-temma ta' l-impjieg tar-rikorrent kienet ghal kawza gusta u sufficjenti u konformi mal-ftehim kollettiv..

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Claudio Zammit f'isem ir-rikorrent

7.2.1 stqarr li

- ir-riferenza li saret rigwardanti l-offiza li sehhet fl-2006 ghandha tkun skartata mit-Tribunal Industrijali ghaliex iz-zmien ghal kunsiderazzjoni retroattiva fil-kaz ta' offizi sussegwenti kien preskritt mill-artiklu 30m) ta' l-istess ftehim kollettiv.
- minn dan isegwi li l-offiza li sehhet f'Novembru 2007 ghandha titqies li hi l-ewwel wahda u skond l-artiklu 30g) il-penali fil-kaz ta' htija ghandha tkun limitata ghal twiddiba bil-fomm.
- ghalkemm huwa minnu li r-rikorrent ma gabx provi rigwardanti l-allegata diskriminazzjoni biex ma jtellax lil shabu impjegati jixhdu, fix-xhieda tieghu Martin Grech ghamel riferenza ghal abbuzi simili minn impjegati ohra.
- it-twiddiba miktuba datata 14.11.07 tghid testwalment li offiza ohra fil-futur tista' twassal ghal penali aktar harxa li tista' tinkludi temma ta' l-impjieg.
- ikkwota l-massima antika "selecta una via non dato un recorsus ad alteram."
- it-twiddiba miktuba ta' Novembru 2007 saret minn ufficjal tal-kumpanija intimata, u l-kumpanija intimata ghandha terfa' r-responsabbilta' ta' dak kollu li jaghmlu l-ufficjali taghha.
- ghamel riferenza ghal decizjonijiet tal-Qorti ta' l-appell fil-kazi Gatt vs Said (23.02.01) u Farrugia vs Camilleri (10.03.04).

7.2.2 Fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali ghandu jsib favur ir-rikorrent u jordna lill-kumpanija thallsu kumpens xieraq.

## 8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

Fatti li jirrizultaw mill-provi u li jimmeritaw il-kunsiderazzjoni tat-Tribunal Industrijali biex jasal ghal decizjoni gusta:

8.1 ir-rikorrent iffirma t-twiddiba miktuba li nghatatlu nhar il-15.09.06, is-sospensjoni datata 10.10.06 dwar l-istess offiza, kif ukoll it-twiddiba

miktuba li nghata nhar il-15.11.07. Minbarra dan, ir-rikorrent ammetta l-offizi rilevanti waqt ix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali.

8.2 xoghol ta' kwalita hazina ripetut minn impjegat li jkun maghmul bil-hsieb li jhaffef il-process ghall-operatur ghas-skapitu' tal-kwalita', u bir-riskju li jintilfu kuntratti ta' xoghol fil-futur, ghandu jitqies bhala offiza ta' natura serja.

8.3 il-ftehim kollettiv jipprovdi ghal stadju ta' appell li jista' jintalab minn parti jew minn ohra u jkun pprezentat quddiem Direttur skond il-procedura ta' l-ilmenti. F'dan il-kaz il-kumpanija agixxiet b'dan il-mod minghajr ebda kontestazzjoni, mir-rikorrent u mir-rapprezentanti tieghu.

8.4 fin-nuqqas ta' provi rigwardanti l-allegazzjonijiet ta' trattament diskriminatorju fil-konfront tieghu mal-kumpanija intimata li wasslu ghat-temma ta' l-impjieg, it-Tribunal Industrijali ma setax jaghti kunsiderazzjoni ghall-istess allegazzjoni.

8.5 is-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell kkwotati mill-abbli difensur tar-rikorrent m'ghandomx rilevanza ghal dan il-kaz.

## 9. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ha kunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, jiddeciedi li t-temma ta' l-impjieg tar-rikorrent saret ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u sbatax -il centezmu (€93.17).

______________________

**A. DEGIOVANNI**
**Chairman**